TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 16/11

**Mr & Mrs A. Bonnici**
**vs**
**Francesco Fenech Ltd.**

Illum 30 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-14 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' bejn tmien mija u elf u mitt ewro (€800 - €1,100) rappreżentanti prezz ta' *kitchen top* illi wara ċertu żmien dan inqasam.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti issottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw *kitchen top* u wara xi żmien dan il-*kitchen top* ċeda u ma baqax tajjeb sabiex jintuża u dan primarjament minħabba l-fatt illi l-bażi ma kienx tajjeb.

L-intimat issottometta bil-miktub illi r-rikorrenti ffirmat *exclusion clause* fejn il-garanzija hija eskluża għall-vizzji moħbija u għalhekk din it-talba ma tistax tiġi akkolta.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi r-rikorrenti vera ffirma għal din il-klawsola.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE (+356) 21227070 FAX (+356) 21239888